MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 79/2010

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Anthony Muscat u Mary Carmen Xiberras**

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti il-hlas tas-somma ta’ tmienja u tletin elf u disgha u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€38,089.48) in kwantu ghal €34,684.48 dovut bhala kapital u l-bilanc ta’ €3,404.00 bhala imghax b’effett mit-30 ta’ Awwissu 2010. Hlas li qieghed jintalab fir-rigward ta’ mutwu li nghataw il-konvenuti permezz ta’ kuntratt pubblikat fl-1 ta’ Gunju 2007 (fol. 5).

Il-konvenuti huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt tad-9 ta’ Novembru 2007 fl-atti tan-nutar Dr Christian Zammit. F’dak il-kuntratt il-konjugi kienu ftehemu li l-pagamenti ta’ kull xahar lis-socjeta attrici ghandhom

jithallsu f’sehem ugwali bejniethom. Mill-atti jirrizulta li l-ahhar pagament sar fl-14 ta’ Dicembru 2007 u ghalhekk il-konvenuti huma moruzi fil-hlas (ara nota prezentata mis-socjeta attrici fis-7 ta’ Novembru 2010). Jirrizulta wkoll li permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fl-20 ta’ Mejju 2008 (fol. 9) kienu gew interpellati jhallsu l-arretrati izda baqghu inadempjenti.

Il-konvenuta ammettiet it-talbiet in kwantu dawn jikkoncernaw lilha. Min-naha tieghu l-konvenut ma deherx.

Mill-atti jirrizulta li l-morozita hi wahda mir-ragunijiet stipulati fil-kuntratt ghalfejn il-partijiet li fihom il-partijiet jiddekadu mill-beneficcju tat-terminu. Fil-fatt f’Dokument “Z” anness mal-kuntratt jinghad li jkun hemm ksur tal-obbligi jekk il-mutwatarju *“…. Jonqos li jhallas kull somma dovuta (hlas tas-self, imghaxijiet jew kwalunkwe somma ohra) mill-Klijent skond il-kuntratt ta’ self jew/u sanction letter u bil-mod stipulate fil-kuntratt ta’ self jew/u sanction letter”*. Is-sanction letter datata 14 ta’ Mejju 2007 (fol. 11) tipprovdi ghall-pagamenti li l-konvenuti kellhom jaghmlu kull xahar. Fil-fatt ghall-ewwel tnax-il xahar kellu jsir hlas ta’ Lm89.19 kull xahar u ghal kumplament tal-perjodu kellu jsir hlas ta’Lm95.67 kull xahar. Hu ghalhekk evidenti li t-talbiet tas-socjeta attrici huma gustifikati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma li l-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu skond ma jinghad fil-kuntratt ta’ self pubblikat fl-1 ta’ Gunju 2007, qeghda:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta attrici fis-somma ta’ tmienja u tletin elf u disgha u tmenin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€38,089.48) in kwantu ghal €34,684.48 dovut bhala kapital u l-bilanc ta’ €3,404.00 bhala imghax b’effett mit-30 ta’ Awwissu 2010.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tmienja u tletin elf u disgha u tmenin ewro**

**u tmienja u erbghin centezmu (€38,089.48), bl-imghax fuq il-kapital b’effett mill-1 ta’ Settembru 2010 sad-data tal-hlas.**

**Spejjez kontra l-konvenuti b’dan li ghal finijiet ta’ taxxa din ghandha tinhadem bhala kawza ammessa.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------